# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 34**

**Avviz numru 826/00/SM**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc ga' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Caruana Cold Storage & Imp. Ltd u f'isimha proprja**

**vs**

**Filomeno Calleja**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma komplessiva ta' Lm784.42,0 (seba mija u erba' u tmenin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura COP 191 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Caruana Cold Storage & Imp. Ltd u dan b'rizultat ta' habta li grat fis-16 ta' Jannar, 2000 go Targa Gap, meta waqt li kien qed isuq il-vettura KAE 247 habat mal-vettura COP 191 proprjeta' ta' Caruana Cold Storage & Imp. Ltd u misjuqa minn Caroline Saliba u ghal liema incident hu kien unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju, 2000 kontra Citadel Insurance Services Ltd, assiguraturi tal-konvenut u bl-imghax tat-8% fuq LM784.42,0 mid-data tal-prezentata sal-hlas effettiv kontra li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-22 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjetni, izda b'tort ta' Nick Saliba, is-sewwieq tal-vettura numru COP 191 proprjeta' tal-assigurat Caruana Cold Storage & Imp. Ltd, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Saliba kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;**

2. **Minghajr pregudizzju ghall-premess, d-danni reklamati mill-atturi huma esagerati;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatt jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fis-16 ta' Jannar tas-sena 2000 fit-tela' ta' Targa Gap li fih kienu nvoluti Caroline Saliba li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni COP-191 u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura tal-marka Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni KAE-247;**

2. **Illi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li fil-hin ta' l-incident kienet niezla x-xita u ghalhekk l-art kienet imxarrba;**

3. **Illi skond il-versjoni ta' l-assikurata Saliba jirrizulta li hi u tiela t-tela' ta' Targa Gap "…xhin wasalt kwazi f'nofs it-tela' smajt daqqa ta' karozza…" cioe' li l-konvenut laqatha minn wara;**

4. **Illi skond il-versjoni tal-konvenut jirrizulta li hu u tiela' t-tela' in dizamina l-assikurata Saliba "…sibta gejja lura lejja…" u ghalkemm ghamel hiltu biex jevitha ma rnexxilux;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minn ezami tar-rapport li z-zewg partijiet imlew wara l-incident li jidher a fol 22 dak allegat mill-konvenut ma jidhirx indikat;**

**Illi l-istess rapport jikkonferma biss il-versjoni ta' l-assikurata, haga li hija wkoll konfortata mill-hsarat sofferti mill-vetturi kkoncernati;**

**Illi kieku l-fatti sehhew skond il-vesjoni tal-konvenut il-hsarat kienu jkunu differenti min dawk riskontrati u kif jidhru indikati fl-iskizz a fol 22;**

**Illi d-danni sofferti mill-atturi kagun ta' dan l-incident jammontaw komplessivament ghal tmin mija u seba' u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi, (LM877.02,0);**

**Illi in vista tas-suespost filwaqt li din il-qorti tichad l-allegazzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Filomeno Calleja unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tmin mija u seba' u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi, (LM877.02,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Filomeno Calleja biex ihallas lill-atturi proprio et nomine l-ammont hekk hawn likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**